# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU WIEĦED U ERBGĦIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Settembru, 2004 fid-9.30am fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Mistoqsijiet.
(4) Insurance Policy.
(5) Historic Cities Festival fl-Isla.
(6) Żjara ta' Grupp minn Cassino.
(7) Żjara ta' Grupp minn Scanno - Sindku u President Reġjonali f'Abruzzo.
(8) Proġett Pilota Network.
(9) Urban Community Council.

## 41 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

*41 (1).1* Billi l-Minuti ġew mibgħuta minn qabel lill-Kunsilliera, dawn, dawn il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

*41 (1).2* *Addenda għall-Minuti kif imressqa.*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Charmaine Gerada bgħatet statement bil-miktub dwar dak li qalet waqt il-laqgħa tal-Kunsill għal dak li qal is-Sindku dwar item 40(2)14 Ħaddiema Assenjati lill-Kunsill Lokali Isla.

41 (1).3 Il-Kunsill qabel li dan l-istatement jiġi anness mal-Minuti f'paġna 6 item 40(2)14 IV bħala parti mill-Minuti.

41 (1).4 Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar il-Kunsill approva nem con il-Minuti numru 40 kif onorati.

41 (1).5 *Arising Matters*

*i Ħaddiema Assenjati lill-Kunsill*

Is-Sindku Joseph Casha baqa' jinsisti mad-Dipartiment ta' l-Infrastruttura u Riżorsi biex jingħata tweġiba għala dawn il-ħaddiema tal-Gvern ġew imsejjħa lura fid-Dipartiment. Huwa kompla qal li saret talba biex dawn jiġu replaced b'nies ġodda jekk id-Dipartiment bi ħsiebu jibqa jżomm lil dawn in-nies. Anke l-ħaddiema kienu qed jistaqsu għala ġew meħuda lura fid-Dipartiment. Minkejja dan il-Kunsill baqa' mingħajr tweġiba. Is-Sindku qal li wara kollox huwa l-lokal li qed ibagħti minħabba li dawn il-ħaddiema kienu qed iwettqu xogħol siewi fil-kommunita'.

Is-Sindku għamilha ċara li jekk jibqa dan is-skiet kollu u l-Kunsill jibqa mingħajr tweġiba, huwa kien ser ixandar kollox fil-pubbliku.

Mill-għada stess is-Sindku kien ser iwaħħal il-Korrispondenza kollha fin-Notice Board tal-Kunsill.

Is-Sindku stqarr li din hija vendikazzjoni kontra l-ħaddiema stess għax il-ħaddiema m'għandhomx tort.

*ii Ġbir ta' skart domestiku*

Id-deċiżjoni tal-Kunsill kienet li biex jiġ mġedded dan il-kuntratt flimkien mal-Kunsilli Lokali tal-Birgu u tal-Kalkara irid ikun hemm kundizzjonijiet ġodda. Jekk dan ma' jkunx il-każ toħroġ tender ġdida.

Il-Kunsilli Lokali tal-Kalkara u tal-Birgu kellhom jiġu nfurmati b'dan.

*iii Nomina ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv*

Min-naħa tas-Sinjura Elizabeth Grech ikkonfermat li ma tridx isservi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Sar qbil li hekk kif tkun iċċarata l-proċedura kif tinħass il-ħtieġa li jsir dan il-Kunsill imexxi biex issir nomina ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 41 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

(A) *Programm Mużikali Banda Queen's Own - 4 ta' Settembru, 2004*

Is-Sindku attenda għal dan il-programm imtella' mill-Banda Queen's Own għall-okkażjoni tal-Festa Maria Bambina. Is-Sindku stqarr li huwa attenda għal dan il-programm mużikali minkejja li parti mill-messaġġ li għamel fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Bambina kien tħalla barra u din mhiex etika minn kumitat responsabbli.

Is-Sindku bagħat jinforma b'dan bil-miktub u sa issa għad ma' kellu ebda tweġiba.

(B) Malta Historic Cities Festival - 6 ta' Settembru, 2004

Is-Sindku Joseph Casha ħa sehem f'laqgħa li saret fil-Malta Tourism Authority dwar il-programm ta' dan il-Festival. Sar qbil fuq il-programm.

*(C) Master Plan għall-Cottonera - 7 ta' Settembru, 2004*

- Dan il-Master Plan għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera li kien jiffoka fuq il-Birgu ġie ppreżentat fl-Armerija fil-Birgu. Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li sa sena oħra ser isir pjan simili għall-belt ta' l-Isla. Huwa kellu laqgħa fil-Kunsill ma' Giora Solar, architect biex jiġbor informazzjoni.

- Is-Sindku tkellem Magħhom dwar dan il-proġett u l-problemi li hemm fil-lokal ta' l-Isla.

- Jidher li għalkemm hemm bżonn ta' ħafna aktar tagħrif u jinħtieġ li jkun hemm Kunsillier li jieħu ħsieb dan altrimenti jkun hemm il-bżonn li jinħatar xi ħadd barra mill-Kunsill.

(D) *Ħaddiema tal-Gvern Assenjati lill-Kunsill - 13 ta' Settembru, 2004*

Is-Sindku reġa' għamel kuntatti bit-telefon mad-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Infrastruttura u Riżorsi dwar it-teħid ta' dawn il-ħaddiema. It-tweġiba kienet li l-ittra tal-Kunsill qed tiġi diskussa.

(E) *URBACT PROJECT - 13 ta' Settembru, 2004*

Saret laqgħa għal dawk il-Kunsill li ser jieħdu sehem f'dan il-proġett. Din saret fil-Kunsill Lokali tal-Belt, Valletta.

(F) *Żvilupp tal-Kottonera*

Saret laqgħa fil-MEPA dwar kif ser isir żvilupp aħjar tal-Kottonera. Kienu preżenti s-Sindki tal-Kottonera fosthom is-Sindku ta' l-Isla s-SurJoseph Casha.

(G) *Delta Project*

Saret laqgħa ma' Nadia Theuma dwar it-turiżmu fil-Kottonera u saret presentation ta' kif jaħsbuha l-Aġenti ta' l-ivjaġġar. Ġie suġġerit biex aktar tard issiru laqgħat mal-business men fil-lokal ta' l-Isla. Is-Sindku Joseph Casha ħa sehem f'din il-laqgħa.

(H) *Gwidi - Aġenti ta' l-Ivjaġġar / MTA - 17 ta' Settembru, 2004*

Kien ippjanat tour visit fil-Kottonera mill-MTA għall-gwidi u Aġenti ta' l-ivjaġġar biex jiġl muri x'toffri l-Kottonera f'dak li huwa turiżmu.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni ta' l-MTA li kien hemm nuqqas min-naħa tagħhom għax ma' kienux ser jimxu ma' dak li kien miftiehem.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ġie mgħarraf at "short notice" illum stess li l-Kunsilliera kienu mistiedna għall-attivita' li ser titella fir-Rinella Complex għal dawn it-tour operators. Fid-9.30pm.

Is-Sindku ta' ħjiel tal-programm imħejji mill-MTA.

(I) *Sitwazzjoni Finanzi ta' LES*

Minn informazzjoni li ġabar is-Sindku jidher li l-Kunsill mhux ser jibbilanċja qatt il-flus li qed joħroġ għas-servizz tal-wardens li qed jingħata fil-lokal ta' l-Isla.

- Mill-kontravenzjonijiet li saru bejn Jannar u Awissu 2004 il-Kunsill ser idaħħal Lm 1,890 filwaqt li spejjeż irid joħroġ Lm 2762 (żbilanċ ta' Lm 872).

- Is-Sindku nforma lill-Uffiċjal Awtorizzat tal-Kumitat Konġunt LES - Fgura li jekk sa nofs Ottubru, 2004 din is-sitwazzjoni ma' tirranġax kien ser jitlob lill-Kunsill biex hekk kif jgħalaq il-kuntratt f'Novembru, 2004 joħroġ mis-sistema wara li ssir diskussjoni dwar dan.

- Fuq raġunament tas-Sindku, l-Viċl Sindku esplora l-possibilta li jitwaħħlu cctv cameras fil-lokal flok li jingħata s-servizz tal-wardens. Is-Sindku wieġeb irid Iġib quotation ta' dawn cctv cameras u mbagħad il-Kunsill jara hux vijabbli jew le minħabba l-finanzi tal-Kunsill.

(J) *Med URBS - Ħlas dovut lill-Kunsill*

Is-Sindku kien infurmat mill-Kunsillier Charmaine Gerada li dan l-item li jirrigwarda l-ħlas ta' Lm 2, 500 dovut lill-Kunsill mill-Kunsill Lokali Bormla ma' ġiex diskuss waqt il-laqgħa. Is-Sindku ser jindaga fuq dan.

(K) *Ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali*

Il-Kunsill irċieva ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ifisser punti mqajjma mid-Dipartiment dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill (Kopja mehmuża). Diskuss aktar tard.

(L) Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn it-30 ta' Awissu u l-14 ta' Settembru 2004 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1895/04/I* *Influenza Vaccin*

Il-Kunsill ġie nfurmat li qegħda ssir kampanja biex jittieħed il-vaċċin ta' l-Influenza b'mod speċjali l-Anzjani. Il-Kunsill bi ħsiebu jgħin kif jistgħa f'dan ir-rigward. In-numru tat-telefon huwa 21243314 ext. 222.

*04/1899/04/I* *Prosekutur - Kumitat Konġunt*

Il-Kumitat Konġunt ta' LES għadu kif ħareġ tender biex jinħatar prosekutur ġdid.

*04/1900/04/I* *Ħin tal-laqgħat*

L-ittra tal-Kunsillier Charmaine Gerada rreferit għall-ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill.

*04/1904/04/I* *MEPA Applications*

Il-Kunsill irċieva tagħrif dwar l-applikazzjonijiet li għamel il-Kunsill għax-xogħol li jrid jitwettaq : -

- Pjazza Andrea Debono
- Embellishment ta' Dawret Ix-Xatt

*04/1908/04/I* *Memo 23/2004 - PQ 7263*

Il-Kunsill wieġeb dil-mistoqsija parlamentari li kienet dwar rappreżentazzjoni fuq bordijiet maħtura mill-Gvern.

*04/1914/04/I* *Malta Historic Cities Festival*

Il-Kunsill irċieva l-aħħar draft tal-programm għal dan il-festival.

*04/1919/04/I* *Culture Tracks*
*04/1953/04/I*

Is-Sindku ta' Scanno wera x-xewqa li jżur Malta għal ftit jiem fi żmien il-Historic Cities Festival.

*04/1920/04/I*
*04/1921/04/I* *Ħaddiema tal-Gvern assenjati lill-Kunsill*

Il-Perit Nicholas Grech - Direttur, nforma lill-Kunsill li l-ħaddiema tal-Gvern assenjati mal-Kunsill ġew irtirati lura fid-Dipartiment.

*04/1933/04/I* *World Tourism Day*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jipparteċipa f'din l-attivita'. Il-parteċipanti ser jingħataw rigal żgħir - welcome flower u drink ser ikun hemm folk performance għat-turisti Tel 22915350.

Minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja l-Kunsill ma' qabilx li jikkontribwixxi għal din l-attivita'.

*04/1934/04/I* *Żgħażugħ tas-Sena*

Il-Kunsill irċieva sejħa biex jiġi propost żgħażugħ mil-lokal għal Premju Żgħażugħ tas-Sena. Dan ser jittella' fid-19 ta' Novembru, 2004 fl-Imġarr Għawdex.

*04/1938/04/I* *Skema tas-Saħħa*

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nformat lill-Kunsill li għarrfu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li ser tinħareġ din l-applikazzjoni għall-Kunsillieri biex jissieħbu fiha kemm l-istaff u kemm il-Kunsilliera.

*04/1946/04/I* *Dock No. 1 Development*

Kien ippjanat li ssir laqgħa dwar dan l-Iżvilupp nhar il-Ħadd 16 ta' Settembru, 2004, Iżda minħabba li s-Sindku u l-Kunsilliera kellhom impenji oħra ma' attendewx. Il-laqgħa ma' saritx u kien propost li ssir fit-28 ta' Settembru, 2004.

*04/1962/04/I* *Laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki (24 u 25/09/04)*

Is-Sindku u l-Viċi Sindku ser jattendu għas-sezzjoni tas-Sibt biss. Din ser issir fil-lukanda Dragonara.

*04/1965/04/I* *Chairman MTA*

Fuq stedina ta' l-MTA is-Sindku attenda għal-laqgħa indirizzata miċ-Chairperson Is-Sur Chris Grech. L-għan ta' din il-laqgħa kien biex jitqajjem it-turiżmu fil-Kottonera u biuex issir ħidma kollettiva.

*04/1966/04/I* *Tweġiba tas-Sindku għall-ittra ta' l-Awditur*

Il-Kunsill kien diġa wieġeb għal din u b'hekk reġgħet intbagħtet kopja oħra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

*04/1970/04/I* *Użu tas-Sala tal-Kunsill*
*04/1973/04/I*

Il-Kunsill approva t-talba tal-Familja Lia għal party tat-tfal nhar il-Ġimgħa 8 ta' Ottubru, 2004.

- Il-Kunsill approva wkoll biex isir party fl-okkażjoni ta' Griżma, fis-Sala tal-Kunsill nhar is-6 ta' Ottubru, 2004 kif ukoll riċeviment ta' magħmudija fis-16 ta' Ottubru, 2004. Dawn huma kollha familji mill-Isla (Simon u Henriette Camilleri Mallia).

- Il-Kunsill approva wkoll it-talba tal-Kumpanija Bronk Productions biex isir filming fil-bini tal-Kunsill nhar is-Sibt 23 ta' Ottubru, 2004 mis-1.00pm il-quddiem.

*04/1980/04/I* *Med Urbs*

Il-Kunsill Lokali Birgu reġa' fakkar lill-Kunsill Lokali Bormla dwar il-flus li għandu jagħti liż-żewġ Kunsilli (Isla u Birgu) bħala refund ta' dan il-proġett.

Il-Kunsill qabel li terġa' tintbagħat ittra lill-Kunsill Lokali ta' Bormla biex jiġi mgħarraf meta għanda tiġi diskussa din it-talba billi diġa kien imwiegħed li żmien ilu dan kellu jsir.

*04/1990/04/I* *Senglea Regatta Club*

Il-Kunsill approva t-talba ta' dan il-klabb biex jagħmel March tar-rebħa fir-Regatta nhar il-Ħadd 19 ta' Settembru, 2004.

*04/1995/04/I* *Rapporti Finanzjarji*

Il-Kunsill bagħat ir-rapporti finanzjarji Jan/Mar, 2004 u Apr / Ġun, 2004 kief kien mitlub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

*(M)* *Car Free Day (22 ta' Settembru, 2004)*

Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din l-attivita' billi dak inhar tingħalaq għat-traffiku parti minn Triq il-Vitorja, minn Triq San Pietru u San Pawl sa Triq San Ġiljan.

*(N)* *Deficit tal-Kunsill*

Is-Sindku qara l-ittra li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat lill-Kunsill dwar x'wassal għad-deficit tal-Kunsill skond kif muri fir-rapport ta' l-ewwel kwart Apr / Ġun, 2004. Kif ukoll id-Dipartiment talab tifsira għal ċertu nfieq li sar li skond id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma' kellhux isir f'din il-qagħda (Kopja mehmuża).

Sar qbil li l-Kunsill iwieġeb għal din l-ittra hekk kif jagħlaq it-tieni kwart (Lul / Sett, 2004) tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill. Dan għandu jsir fil-jiem li ġejjin biex b'hekk tingħata stampa aktar ċara u vera għas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

*(O)     Żjara f'Abruzzo mid-Delegazzjoni tal-Kunsill*

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li rċieva statements dwar Iż-żjara tad-Delegazzjoni tal-Kunsill f'Abruzzo. Dawn kienu minn Joe Abela (04/2015/04/I), Fabian Magion (04/2046/04/I) u Elizabeth Grech (04/2047/04/I) (Kopji mehmuża).

Dawn l-istqarrijiet ta' dak li ġara waqt din il-konferenza saru bħala rejazzjoni għall-istqarrija li s-Sindku għamel fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, dwar l-istess konferenza f'Abruzzo.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-persuni ingħataw kopja ta' l-istatement li għamel is-Sindku wara li saret talba min-naħa tagħhom.

Is-Sindku qajjem il-każ jekk dawn il-persuni kellhomx id-dritt li tingħatalhom kopja ta' l-istatement li kien għamel u li kien approvat fil-laqgħa preċedenti.

Dokumenti tal-Kunsill għalkemm huma pubbliċi ma' jfissirx li jistgħu jingħataw jekk ma' jkunx hemm awtorizzazzjoni tal-Kunsill kif fil-każ tas-Soċjetajiet jistgħu biss jinqraw fl-uffiċini tal-Kunsill.

Kien hemm diverġenza ta' l-interpretazzjoni tal-Liġi li tinrrigwarda l-proċeduri ta' kemm il-pubbliku għandu dritt li jitlob kopji tad-dokumenti approvati mill-Kunsill.

Għaldaqstant is-Sindku stqarr li jieħu ruling fuq dan wara li jkun ikkonsulta mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Rigward l-istqarrijiet mehmuża s-Sindku qal li ser jikkonċentra fuq dawn aktar il-quddiem wara li l-Kunsilliera jkunu qraw l-istatements mehmuża.

Is-Sindku ser jiddeċiedi x'linji ser jieħu dwar dawn l-akkużi. Fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

(P)     *Sospensjoni tal-Laqgħa tal-Kunsill (10.40am)*

Is-Sindku talab is-sospensjoni tal-laqgħa tal-Kunsill għal nofs siegħa minħabba li ġie msejjaħ biex imur urġenti d-dar.

Din is-sospensjoni ġiet approvata.

*TKOMPLIJA TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL (11.25am)*

Hekk kif irritorna s-Sindku, l-Kunsill kompla bix-xogħol tal-Aġenda.

## 41 (3)     Mistoqsijiet

Billi ma' kienx hemm mistoqsijiet, il-Kunsill għadda biex jiddiskuti l-item li jmiss fuq l-Aġenda.

## 41 (4) Insurance Policy tal-Kunsill

Billi l-insurance tal-Kunsill waslet biex tagħlaq (05/09/04) il-Kunsill iddiskuta l-possibilitajiet li kellu ta' x'għandu jsir.

(1) Kienu diversi opinjonijiet jekk din tiġix renewed, jew toħroġ mill-ġdid.

(2) Kien hemm suġġeriment li l-ammont li hemm assigurat fuq il-bini, l-equipment u n-nies tiġi mnaqqsa biex il-premium jonqos. Pero' kien hemm oġġezzjonijiet għal dan.

(3) Sar suġġeriment biex din tiġi mġedda temporanjament għal perjodu qasir Sakemm il-Kunsill joħroġ talba b'tender.

(4) Wara diversi kuntatti li saru ma' l-Insurance Agencies permezz tat-telefon kien jidher ċar li ma' kienx jaqbel li din tiġġedded għal perjodu qasir.

(5) Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li billi din it-talba kienet taħt l-Lm2, 000 l-Kunsill kien fl-obbligu li jitlob kwotazzjoni u mhux joħroġ tender. Il-Kunsill ħa dan il-parir.

(6) Aktar tard l-accountant tal-Kunsill kellu jirrevedi l-ammont assigurat u jsir magħruf jekk dawn setgħux jiġu rivalutati mingħajr ma' jkun hemm riskju ta' l-assikurazzjoni fuq il-bini, equipment u s-saħħa tan-nies li jaħdmu fil-Kunsill.

## 41 (5) Historic Cities Festival (Isla)

1. Billi l-Kunsill kien sejjer jipparteċipa f'dan il-Festival imtella mill-MTA, b'inqas spejjeż, is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Banda Queen's Own ta' l-Isla kienet ser tieħu sehem meta dan il-Festival ikun qed jittella fl-Isla.

2. L-ispejjeż biex isir dawn kienu jlaħħqu madwar Lm 350 li dawn ser jiġu mqassma hekk : Lm 50 - MTA, Lm 100 - Banda Queen's Own u Lm 100 il-Kunsill Lokali Isla.

3. Ma' dawn is-Sindku ppropona li jinħarġu Lm 100 oħra biex jiġi armat id-dawl fit-toroq matul dawn l-attivitajiet.

4. Għaldaqstant is-sehem tal-Kunsill għal dan il-Festival kellu jkun ta' Lm 200.

*Nota : Il-Viċi Sindku Walter Ahar ħalla l-laqgħa tal-Kunsill fl-11.45am.*

5. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li skond l-ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali ( Ara data 16/09/04 Ref. 04/2087/04/I ). Kienet qed tindika b'mod l-aktar ċar li l-Kunsill ma' jistgħax jidħol għal aktar commitments ħlief dawk li

l-Kunsill huwa obbligat li jagħmel bil-liġi, qabel jirregolarizza ruħu fil-qagħda finanzjarja tal-Kunsill. Għalhekk f'dan id-dawl il-Kunsill ma' setgħax jivvota flus għal attivitajiet jew donation oħra.

6. Is-Sindku stqarr li billi dawn il-commitments kienu diġa ġew deċiżi minn qabel għandha ssir talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex dawn il-commitments jiġu esegwiti.

*Il-Viċi Sindku Walter Ahar reġa rritorna għal-laqgħa tal-Kunsill fil-12.15pm.*

7. Wara diskussjoni fit-tul dwar dan u tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, kif ukoll saru telefonati lid-Dipartiment; sar qbil li tinkiteb ittra fejn jiġu mfissra dawk il-commitments tal-Kunsill u li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill tidher li hija aħjar. Dan sar dak il-ħin stess u wara li sar qbil ta' għandha tinkiteb din l-ittra (kopja mehmuża) intbagħtet b'email biex biex il-Kunsill ikollu tweġiba malajr kemm jista' jkun.

8. Is-Segretarju Eżekuttiv iddikjara li kien lest li jieħu responsabbilta ta' kif sejjr tagħlaq is-sena finanzjarja f'Marzu, 2005 wara li jingħalqu l-kontijiet u joħroġ ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart (Jul - Sept'04) u jsir il-forecast għas-sitt xhur li ġejjin.

9. Minħabba li kien hemm diverġenza bejn is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku dwar il-forecast tal-finanzi tal-Kunsill ta' kif sejjer ikunu s-sitt xhur Ottubru, 2004 - Marzu 2005. Is-Sindku ddikjara li ser jaġġorna l-laqgħa tal-Kunsill għal data oħra. Sa dak inhar irid ikollu f'idejh is-sitwazzjoni dettaljata u eżatta mill-Accountant tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv fejn tingħata forecast as sitt xhur li ġejjin.

Il-Laqgħa ġiet aġġornata fin-12.30pm.

## Tkomplija tal-Laqgħa tal-Kunsill

Il-laqgħa tal-Kunsill saret nhar it-Tlieta 12 ta' Ottubru, 2004 fid-9.30am.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

Nota : Sakemm l-accountant tal-Kunsill tkun preżenti fil-laqgħa tal-Kunsill biex tippreżenta is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kif kien propost fl-ewwel parti ta' din il-laqgħa (17 ta' Settembru, 2004) is-Sindku ippropona sospensjoni ta' proċedura.

## 41 (5) Historic Cities Festival (Isla)

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għall-ittra li l-Kunsill bagħat, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali wieġeb b'ittra (kopja mehmuża) u li s-Sindku qara waqt il-laqgħa.

2. Abbażi ta' l-ittra li d-Dipartiment wieġeb lis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku Joseph Casha kien tal-fehma li għalkemm id-Dipartiment baqa' jżomm il-pożizzjoni tiegħu l-Kunsill kien liberu li jieħu d-deċiżjonijiet skond kif Iħossu l-Kunsilliera tal-Kunsill. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova dawk il-commitments li l-Kunsill għamel fir-rigward tal-Malta Historic Cities Festival.

   Is-Sindku spjega lill-Kunsill li l-Kumitat festi Esterni nfurmaw lill-MTA li x-xogħol ta' catering mhux ser jagħmluh għax għandhom il-problema man-nies li ser jaħdmu. Għamilt alternattiva fejn offrejt lil Soċjetajiet oħra biex jagħmlu dan ix-xogħol. Bi qbil bejn is-soċjetajiet ġie deċiż li ssir bejn il-barmen, MLP, Senglea Athletic F. C. u Partit Nazzjonalista.

3. Is-Sindku Joseph Casha ppropona li l-Kunsill jivvota Lm 150 għas-sehem tal-Banda Queen's Own u Lm 100 għat-tiżjin bid-dawl fit-toroq ta' l-Isla għal din l-attivita'. B'kollox Lm 250. Il-Lm100 tad-dawl ser tkun parti mill-ammont li ser jintefaq (approx. Lm 600) biex it-toroq ta' l-Isla jiżżejnu bid-dawl għal żmien il-Milied u l-ewwel tas-Sena.

4. Din għandha titressaq b'riżoluzzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

5. Il-Kunsillier Charmaine Gerada ma' kienitx qed taqbel ma' dan għax fl-opinjoni tagħha ma' kienx hemm deċiżjoni dwar dan u kif kien ser ikun is-sehem tal-Kunsill f'dan il-festival.

6. Is-Sindku min-naħa tiegħu sostna li għalkemm ma' kienx hemm deċiżjoni pero d-diskussjoni tas-sehem tal-Kunsill fil-Historic Cities Festival ilha tiġi diskussa u fl-aħħar laqgħa kienu ssemmew il-ħlasijiet lill-Banda Queen's Own u tad-dawl.

7. Wara diskussjoni fit-tul fejn kien jidher li hemm diverġenza ta' kif ġraw l-affarijiet, is-Sindku Joseph Casha ppropona li l-Kunsill qed jaqbel li jivvota s-somma ta' Lm 250 bħala spejjeż ta' sehem il-Banda Queen's Own u tiżjien tad-dawl fit-toroq ta' l-Isla għal żmien il-Festival u li din titressaq bħala riżoluzzjoni fil-laqgħa li jmiss. Din il-proposta kienet issekondata mill-Viċi Sindku Walter Ahar.

8. Il-Kunsill approva din il-proposta b'4 voti favur u 1 kontra. Il-Kunsillier Charmaine Gerada ddikjarat li qed tivvota kontra peress li ma kien hemm l-ebda deċiżjoni mill-

Kunsill fuq l-infieq ta' Lm 250 għal Malta Historic Cities Festival. Ma' kien hemm l-ebda deċiżjoni li jitħallas Lm 100 għad-dawl u dan diġa twaħħal mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill (Kopja mehmuża).

9. Is-Sindku Joseph Casha qal li dawn il-figuri kienu ssemmew qabel fil-laqgħat tal-Kunsill u fl-ewwel parti ta' din il-laqgħa li nżammet fis-17 ta' Settembru, 2004.

## 41 (6) Rapport Finanzjarju (Lulju - Settembru, 2004)

Dwar l-aħħar laqgħa tal-Kunsill kont tlabt biex l-istess laqgħa tiġi sospenduta sakemm il-Kunsill ikollu l-pożizzjoni finanzjarja eżatta. Għalhekk kont tlabt biex l-Accountant tal-Kunsill joħroġ rapport. Sakemm ħareġ rapport kont tlabt biex nirrispondi lid-Dipartiment.

1. Tinqara l-ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (29/09/04) kont irċevejt telefonata mill-Malta Today fejn ried jivverifika l-ittra li bagħat id-Dipartiment. Jiena nfurmajtu li din hija kwistjoni mad-Dipartiment u jekk irid jiċċekja miegħu.

2. Hija ċara wkoll li l-informazzjoni ħarġet minn dan il-Kunsill għax ġew irrapurtati affarijiet li kienu għadhom l-anqas biss ġew diskussi fil-Kunsill.

3. Irrid niddeċiedi jekk nagħmilx libel lill-Malta Today ħalli nara kif ħarġet din l-informazzjoni u fl-istess ħin nuru l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

4. Infakkar li skond il-Kodiċi ta' l-Etika ħadd ma' jista' jippubblika xogħol tal-Kunsill jekk ma' jkunx awtoriżżat.

5. L-accountant tal-Kunsill ippreżentat ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart (Lulju - Settembru, 2004). Dan kien qed juri li l-Kunsill għalaq dan il-Kwart b'surplus ta' Lm 301 għas-6 xhur April - Settembru, 2004 . Dan kien ifisser li l-Kunsill irkupra l-iżbilanċ kollu li kellu fl-ewwel tlett xhur.

6. Ma' dan ir-rapport ġie ppreżentat il-forecast għas-sitt xhur li ġejjin (Ottubru, 2004 - Marzu, 2005) fejn jindika li l-Kunsill ser jagħlaq is-sena finanzjarja 2004 / 2005 b'surplus ta' Lm 4, 280.73 kważi 5% tal-budget tal-Kunsill.

7. Wara t-tweġibiet li tagħat l-accountant għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi, il-Kunsill approva unanimament dawn ir-rapporti.

8. Sar qbil li dawn jintbagħtu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll kull xahar isir management of accounts biex il-finanzi tal-Kunsill jinżammu skond kif proġettat.

*Nota : Il-Kunsillier Mario Mizzi ħareġ mil-laqgħa tal-Kunsill fl-11.45am.*

*9. Rapport Malta Today (03/10/04)*

Is-Sindku Joseph Casha ppreżenta artiklu li deher fil-ġurnal Malta Today dwar dak li ġara waqt il-laqgħa tal-Kunsill kif ukoll dwar il-mod kif qed imexxi hu (kopja mehmuża).

Minn dak li ġie stampat, it-tagħrif ingħata mill-Kunsill, pero b'mod li l-fatti ġew mgħawwġa u b'nofs veritajiet. Dan qed jikser il-Kodiċi ta' l-Etika li tagħrif mhux approvat mill-Kunsill qed jingħata lill-gażżetti biex issir ħsara lill-Kunsill.

Is-Sindku ppropona li t-tweġiba lil dan il-ġurnal tingħata issa wara li ħarġu bil-fatti x'inhi l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill u l-ittri li ntbagħtu u ġew riċevuti mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sindku ser jieħu parir legali x'passi jista' jieħu għal dak li ġie stampat.

## 41 (7) Żjara ta' Grupp minn Cassino (7 - 11/10/04)

Grupp ta' ħamsa min-nies żaru l-lokal ta' l-Isla bejn is-7 u l-11 ta' Ottubru, 2004. Fosthom Assessore Giovanni Valente u Ida Mignanelli mill-uffiċċju amministrattiv tal-Comune ta' Cassino.

1. Wara li kien ikkonsulta mal-Viċi Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv is-Sindku kien tal-fehma li l-Kunsill jiffinanzja l-akkomodazzjoni tal-lukanda u t-trasport għal żewġ persuni biss li huma mill-Comune ta' Cassino (Assessore Valente u Ida Mignanelli).

   Għaldaqstant is-Sindku talab biex jiġi approvat l-ammont ta' Lm 120 għal dan ir-rigward. Dan qed isir kif dejjem sar f'każi oħra fejn kellha tittieħed deċiżjoni ta' malajr.

   Matul iż-żjara tagħhom sar kunċert fil-Knisja ta' l-Isla filgħaxija minn Michele D'Agostino. Kien hemm attendenza mhux ħażin.

2. Matul din iż-żjara saret bibita' żgħira fil-Kunsill nhar is-Sibt 9 ta' Ottubru, 2004 fis-7.30pm fejn ġew mistiedna dawn il-persuni minn Cassino u l-Kunsilliera kollha. Il-Kunsilliera ġew mistiedna b'ittra.

3. Il-Kunsillier Charmaine Gerada indikat li hija ma' kinietx mgħarrfa min kienu dawn il-ħamsa min-nies u li kienet taħt l-impressjoni li dawn ma' kienux uffiċjali tasl-Comune.

4. Min-naħa tiegħu s-Sindku stqarr li dejjem għamila ċara min kienu dawk li ġejjin minn Cassino u fil-fehma tiegħu kullħadd kien mgħarraf b'dak li qed isir jew ser isir.

5. Minħabba li nqalgħu xi diverġenzi ta' kif saret l-istedina s-Sindku Joseph Casha aġġorna t-tkomplija tal-laqgħa għal dabr'oħra fin-12.30pm.

## Tkomplija tal-Laqgħa tal-Kunsill

Il-Kunsill kompla bil-laqgħa tiegħu Numru 41 nhar it-Tlieta 18 ta' Ottubru, 2004 fid-9.30am.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 2 | | |

*Nota : Il-Laqgħa ġiet sospenduta nhar it-Tlieta 12 ta' Ottubru, 2004 għax waqt li konna qegħdin niddiskutu items mill-Aġenda, ħassejt li l-affarijiet mhux ċari biżżejjed u xtaqt niwverifika.*

*Hemm provi biżżejjed li kemm il-kwistjoni tad-dawl issemmiet fil-laqgħa tal-Kunsill kif ukoll il-programm tal-Malta Historic Cities Festival, kieku riedu l-Kunsilliera setgħu talbuh lis-Segretarju Eżekuttiv għax kien ilu żmien twil mal-korrispondenza anke qabel il-laqgħa tas-17 ta' Settembru, 2004.*

*Dwar stedina għaċ-ċittadini mill-Comune ta' Cassino, wieħed setgħa jifhem li huma Kunsilliera jew Assessori għax l-ittra tgħid mill-Comune mhux minn Cassino.*

*Dwar min kien mistieden jiena għidt lis-Segretarju Eżekuttiv biex javża lill-Kunsilliera.*

***<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>***

Qabel jitkompla x-xogħol li jmiss fuq l-Aġenda s-Sindku ta tagħrif dwar avvenimenti ta' ċertu mportanza.

<u>Żgħażagħ Queen's Own Band Club</u>

Il-Kunsill ġie nfurmat li għadha kif twaqqfet sezzjoni taż-żgħażagħ fi ħdan il-Queen's Own Band Club u twaqqaf kumitat ta' tmexxija.

Huma talbu lill-Kunsill biex jużaw is-Sala tiegħu nhar il-Ħadd 31 ta' Ottubru, 2004 biex jorganiżżaw Afternoon Tea bħala fund raising activity.

Il-Kunsill approva din it-talba u stedinhom jiltaqu mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Kors tad-Drama b'Differenza

Il-Kunsill saritlu offerta biex isir kors tad-drama għall-ġenituri bil-għan li jsiru jafu kif jistgħu jedukaw aħjar lil uliedhom.

Dan il-kors isir kull nhar ta' Tlieta bejn id-9.00am u l-10.30am u l-ħlas huwa ta' Lm 9 għal kull Persuna. In-numru mixtieq li jkun f'kull klassi huwa ta' bejn 12 u 15 il-persuna.

Fuq proposta ts-Sindku Joseph Casha, l-Kunsill approva li jsir dan il-kors fis-Sala tal-Kunsill għal ġenituri mill-Isla. Bħala ġest ta' inkoraġġiment il-Kunsill ser jissussidja dan il-kors b'Lm 2 kull ras.

Il-Kunsill approva dan il-kors.

Quality Cities

Dan huwa proġett ieħor li l-Kunsill qed jipparteċipa fih u kemm il-darba jiġi approvat il-Kunsill ikun jista' jibbenefika minnhu. Dan huwa proġett li qed jipparteċipaw fih it-tlett ibliet tal-Kottonera. Aktar tagħrif jingħata aktar il-quddiem.

Riżenja tal-Clerical Contract Worker

Is-Sinjura Vanessa Sammut li taħdem mal-Kunsill fuq bażi kuntrattwali bagħtet ir-riżenja tagħha u nfurmat lill-Kunsill li ser ittemm l-impjieg tagħha minnufih għaliex sagħbet xogħol ieħor fuq bażi full time (Kopja ta' l-ittra mehmuża).

Is-Sindku qal li meta ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv bl-aħħar ġurnata ta' xogħol tagħha bagħat għalija u fil-preżenza tal-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv irrispondejt l-ittra tagħha b'dawn il-punti :-

- Li l-Kunsill ma' jistgħax Iżid l-ispejjeż tal-Kunsill għal impjegata oħra full time
- Administration Costs allokati lill-Kunsill huma Lm 29, 000 u qegħdin noħorġu Lm 38, 000. Jew il-Gvern mhux qiegħed jagħti allokazzjoni tajba jew il-Kunsill qiegħed jonfoq aktar flus
- Ma nafx nifhem minn fejn ġiet l-informazzjoni li l-Kunsill qiegħed joħroġ ħafna sussidji fl-attivitajiet li dan mhux minnhu.

Wara erġajna tkellimna magħha fejn offrejna li jekk hija ma' tkunx kuntenta bix-xogħol tagħha u l-Kunsill ikun ser jimpjega lil xi ħadd full time nerġgħu nitkellmu magħha.

Il-Kunsill qabel li joħroġ tender għal servizz kuntrattwali għal 19 il-siegħa biss fil-ġimgħa.

Household Refuse Collection Tender

Peress li wassal biex jintemm il-kuntratt tal-household refuse collection u rridu naraw il-pożizzjoni tal-Kunsill x'ser tkun, illum irridu niddeċiedu jekk hux ser toħroġ tender flimkien mal-Kalkara u l-Birgu jew toħroġ tender għalina biss.

St. Michael's Press

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Ministeru ta' l-Intern u l-Ġustizzja (kopja mehmuża) dwar l-għoti ta' St. Michael's Press lil entita' oħra minkejja li l-Kunsill kien ilu li applika biex dan il-bini jiġi devolut lilu kważi sitt snin ilu.

Minn mistoqsija parlamentari u minn dak li ġie nfurmat il-Kunsill jidher li l-Ministru ta' l-Intern u l-Ġustizzja ma' kienx infurmat sewwa b'dak li kien qed jiġri u li saret inġustizzja mal-Kunsill meta dak il-bini inagħata ħabta u sabta lil ħadd ieħor.

Is-Sindku qed jaraz x'passi jista' jittieħdu biex jiġl mgħaruf kif saru l-affarijiet. Jekk ikun hemm bżonn anke joħroġ press release u jittieħed parir legali.

Press Conference

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta jasal il-waqt huwa bi ħsiebu jagħmel press conference dwar it-teħid tan-nies assenjati mal-Kunsill, il-ħsarat tal-Moll tax-Xatt ta' l-Isla u dwar l-allokazzjoni tal-Bini ta' St. Michael's Press.

## 41 (8) Żjara ta' Grupp minn Scanno

Il-Kunsill ġie nfurmat li ż-żjara prevista li kellha ssir mis-Sindku ta' Scanno u mill-President tar-Reġjun ta' l-Abruzzo u oħrajn mhux se ssir minħabba li dawn ma' jistgħux jattendu f'dawn id-dati minħabba mpenji ta' urġenza li nqalgħu fil-lokal tagħhom.

## 41 (9) Proġett Pilot Network

Ġejna mgħarrfin li għal dan il-proġett jinħtieġ li l-Kunsill jaħtar żewġ membri biex iservu fuq l-isteering committee ta' dan il-proġett kollu hekk kif dan jiġl approvat mill-Unjoni Ewropeja. Dan il-proġett qed jiġl previst li jsir bejn 6 pajjiżi, il-Ġermanja li hija l-Host Country, ir-Repubblika Ċeka, Malta, Austria u l-Ingilterra.

Jekk hu possibli lż-żewġ persuni maħtura iridu jkunu wieħed bħala koordinatur u l-ieħor parteċipant.

Il-Kunsill ippropona u approva li s-Segretarju Eżekuttiv ikun il-koordinatur u Roberta Scerri tkun it-tieni rappreżentant fuq l-isteering committee bħala waħda mill-parteċipanti. Fil-każ li Roberta ma' tkun x tista' tipparteċipa l-Kunsill jinnomina lil Arthur Perici jew Pierre Bonello bħala sostitut.

## 41 (10) Urban Community Council

Dan il-kumitat qed jiltaqa' u qed jaħdem biex lġib finanzjament mill-Unjoni Ewropeja dwar proġett b'tema dwar l-edukazzjoni.

Il-Kunsill Lokali Isla għamel l-applikazzjoni biex ikun wieħed mill-partners f'dan il-proġett, kemm il-darba dan jiġi approvat mill-Unjoni Ewropeja. Tagħrif ieħor jingħata aktar tard.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta quddiem il-Kunsill dikjarazzjoni iffirmata minnhu u mill-iskrivana tal-Kunsill is-Sinjura Elizabeth Grech li min-naħa tagħhom qatt ma' ħareġ tagħrif jew dokumenti dwar informazzjoni li setgħet ħarġet mill-Kunsill (Kopja mehmuża).

## 41 (11) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Għalkemm dan l-item ma' kienx imniżżel fuq l-Aġenda, s-Sindku talab is-sospensjoni ta' proċedura biex jiġi approvat il-ħlas ta' pagamenti li ġew ippreżentati minn qabel il-laqgħa. Dan qed isir minħabba li din il-laqgħa tal-Kunsill ħadet tlett seduti u kien hemm bżonn li jiġu approvati ċertu ħlasijiet.

Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti għall-ammont ta' Lm 13, 381.44.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fl-10.30am b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha<br>Sindku

Alphonse Zammit<br>Segretarju Eżekuttiv